# Niċċa tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Gudja



Fl-imgħoddi aktar millum il-qima lejn il-Madonna taċ-Ċintura fil-gżejjer tagħna kienet qawwija ħafna, u dan l-aktar fis-seklu tmintax.

Din id-devozzjoni twieldet fi ħdan l-Ordni Agostinjan u kienu dawn ir-reliġjużi li kabbru u xerrdu din id-devozzjoni madwar id-dinja kollha iżda ċ-ċentru tagħha kienet fil-knisja ta' San Giacomo Bologna fejn kienu mwaqqfa żewġ fratellanzi, waħda magħrufa bħala taċ-Ċinturati u l-oħra bħala tal-Madonna tal-Konsolazzjoni iżda l-Papa Girgor XII fis-seklu tmintax għaqqadhom f'arċikonfraternitá waħda taħt l-isem tal-Madonna taċ-Ċintura. Minn hawn il-fratellanzi bdew jidħlu mhux biss fil-knejjes agostinjani iżda wkoll fil-knejjes djoċesani.

F'Malta ġara l-istess għaliex wara li dawn il-fratellanzi sabu t-twaqqif tagħhom fil-knejjes agostinjani, bdew jidħlu wkoll fil-knejjes djoċesani, kemm hu hekk, fl-1719 twaqqfet il-fratellanza tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa li baqgħet wieqfa għal aktar minn żewġ sekli u ftit wara din il-fratellanza twaqqfet f'bosta Parroċċi oħra, fosthom il-Gudja, iżda żewġ sekli qabel, jiġifieri fl-1594 fil-knisja ta' San Nikola l-Imdina kien diġà jeżisti altar f'ġieħ il-Madonna tal-Konsolazzjoni.

Fil-Gudja barra t-twaqqif tal-fratellanza, fl-1727 twaqqaf altar f'ġieħ il- Madonna taċ-Ċintura u dan sar bil-ħidma ta' Giovanni Abdilla li kien il-prokuratur tal-knisja.

Fil-Gudja din id-devozzjoni qabdet ħafna, u ċ-Ċinturati ħadmu u rsistew biex din il-qima joħorġuha barra mill-knisja parrokkjali, u frott ta' din il-ħidma hija l-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura li tinsab f'kantuniera fi Triq il-Kbira ma' Triq Annunzjata.

Din in-niċċa fiha disinn u xogħol sabiħ b'mod speċjali fid-disinn taż-żewġ skrataċ mibruma waħda kontra l-oħra li qed jiffurmaw il-frontispizju. Din in-niċċa hija wkoll imżejna b'indulġenzi ,mogħtija fl-1839 għal kull min jitlob quddiem ix-xbieha sabiħa tal-Madonna taċ-Ċintura.

Din hi xogħol Mastru Alessandro Farrugia. Kien skultur magħruf ħafna tas-seklu l-ieħor u kien twieled iż-Żejtun.

Ħadem fl-injam u fil-ġebel u din l-istatwa hi waħda mix-xogħlijiet tiegħu. Ma jistax jonqos għalhekk li meta wieħed jifli d-dettalji li fiha bħal ma huma l-paneġġi aktar folti u mimlija ta' l-istess mantell tal-Madonna miġbura taħt ix-xbieha tal-Bambin. Il-wiċċ tal-Madonna hu rfinut, bix-xagħar ħiereġ minn taħt il-mant li jgħatti r-ras tal-Madonna.

F'kelma waħda hu waħda mill-isbaħ statwi li nsibu fit-toroq tal-Gudja u għal din ir-raġuni għandha tkun miżmuma aħjar għaliex barra li għandha valur artistiku hija tifkira tal-qedem tad-devozzjoni tal-Madonna taċ-Ċintura fir-raħal sabiħ tal-Gudja.

Tas-Sliema
29.07.96

*Tony Terribile*